MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2007

Appell Civili Numru. 1345/2001/1

**Goran Milenkovic**

**v.**

**Miriam Milenkovic**

**Il-Qorti:**
Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attur li tghid hekk:
"Peress illi f'dawn l-ahhar snin, ir-relazzjonijiet konjugali bejn il-kontendenti, konjugi, ddeterjorat sostanzjalment u dan minhabba ragunijiet legalment validi, fosthom minacci, theddid, inkompatibbilta` ta' karattru u ragunijiet

ohra legalment fondati li jaghtu lok ghall-proceduri ta' separazzjoni personali;

"Peress illi b'digriet tal-Qorti tas-Sekond'Awla, l-attur gie ordnat ihallas lil martu, ghaliha u ghaz-zewg uliedu minuri, s-somma ta' sittin lira Maltija (Lm60) bhala manteniment;

"Peress illi minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal;

"Peress illi l-attur gie awtorizzat mill-Onorabbli Sekond'Awla sabiex jipprocedi ghas-separazzjoni personali;

"Tghid ghalhekk ghala din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex taqta', tiddeciedi u tordna (sic!):-

"1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-konjugi Milenkovic minhabba minacci, eccessi, mohqrija, theddid, adulterju u minhabba li l-hajja flimkien m'ghadhiex aktar possibbli u ghax iz-zwieg tkisser irremidjabbilment liema ragunijiet huma imputabbli lill-konvenuta kif fuq imfisser;

"2. Tiddikjara illi l-konvenuta hija htija tal-firda ghal wahda mir-ragunijiet imsemmijin fil-**Kodici Civili** u ghalhekk ghandha titlef a bazi ta' l-istess Kodici Civili il-jeddijiet imsemmijin fl-**Artikoli 631, 633, 825, 826 u 827** kif ukoll dak kollu li tkun kisbet mill-parti l-ohra b'donazzjoni bi hsieb taz-zwieg, jew waqt iz-zwieg, jew taht titolu iehor gratwit; kif ukoll kull jedd ta' parti miz-zwieg ghan-nofs ta' l-akkwisti li jkunu saru bil-hidma tal-parti l-ohra wara data stabbilita mill-Qorti bhala d-data meta l-parti l-ohra ghandha tkun kunsidrata li minnha tkun hatja tal-firda;

"3. Tiddeciedi li l-attur ghandu b'mod definittiv jinheles minn kull forma ta' obbligu ta' manteniment lill-konvenuta u dan mhux biss minhabba li z-zwieg tkisser irremedjabilment htija ta' l-agir tal-konvenuta izda wkoll fl-ispirtu ta' l-amendi tal-**Kodici Civili**;

"4. Takkorda l-kura u l-kustodja taz-zewgt itfal minuri lill-attur;

"5. Tinnomina Nutar biex jippublika l-att opportun u kuratur biex jidher ghall-eventwali kontumacja.

"Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li hija ngunta ghas-subizzjoni."

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta li in forza taghha eccepiet illi:
"1. Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda kemm fil-fatt u kif ukoll fid-dritt u dana peress illi z-zwieg ta’ bejn il-konjugi Milenkovic tfarrak b’mod irrimedjabbli minhabba htijiet imputabbli lill-attur u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni ta’ din il-kawza;

"2. Illi l-eccipjenti taqbel pero` li din l-Onorabbli Qorti takkorda s-separazzjoni personali u dana peress illi l-esponenti ma’ tistax tibqa’ tghix ma’ l-attur u dana minhabba swat, minacci, theddid u anke minhabba fil-fatt li l-attur regolarment u kull meta jkun hemm tilwim fil-familja jirrikorri ghax-xorb f’ammonti kbar ta’ alkohol, u fil-fatt minhabba f’dawn ir-ragunijiet il-konvenuta kienet tinsab ghaddejja minn zmien difficli hafna;

"3. Illi *inoltre* z-zewg ulied minuri llum il-gurnata jghixu mal-konvenuta u hija toffri lilhom l-aqwa ambjent ghat-trobbija, kuntrarjament ghal dak li jista’ joffrilhom l-attur, bl-imgieba hazina tieghu;

"4. Illi d-dar matrimonjali li ggib l-isem ta’ “Schreiber Flats”, Numru 4, Triq il-Gurbel, Paola hija proprjeta` parafernali ta’ l-eccipjenti u nxtrat minnha qabel iz-zwieg. *Inoltre* minhabba fl-attitudni vjolenti tieghu, l-attur ghandu jigi ordnat sabiex ma jibqax jirresjedi fid-dar fejn qed ighixu l-esponenti u wliedha.

"5. Illi l-attur ghandu impieg fiss bhala *handy-man* b’ introjtu regolari u ghalhekk it-talba li huwa ma jhallasx manteniment ghal ulied minuri hija wahda insostenibbli."

Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) fl-24 ta' Frar 2005, li in forza taghha ddecidiet il-kawza fis-sens illi:
"filwaqt li tilqa’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuta fis-sens li l-firda personali ta’ bejn il-partijiet sehhet minhabba ragunijiet esklussivament imputabbli lill-attur, u tilqa’ l-eccezzjonjiet kollha relatati, nkuzi dawk dwar il-kura u kustodja tal-minuri, u wkoll dwar il-proprjeta` parafernali tal-konvenuta, **u filwaqt li tichad it-tielet, raba’ u hames talba kif proposti *stante* li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, u tilqa’ biss l-istess talbiet attrici hawen imsemmija u t-talbiet l-ohra indikati numru wiehed u tnejn biss fis-sens hawn deciz, b’dan li l-firda personali ta’ bejn il-partijiet qed tigi dikjarata b’din is-sentenza li hija imputabbli biss u unikament lill-attur, b’dan illi:-**

"1. Tichad din it-talba fis-sens li l-firda personali ta’ bejn il-kontendenti ma sehhitx minhabba nuqqas *da parte* tal-konvenuta, u tilqa’ din it-talba biss fis-sens li tiddikjara l-firda personali bejn il-partijiet u dan ghar-ragunijiet imputabbli lill-attur li rrenda ruhhu hati *verso* il-konvenuta ta’ sevizzi, eccessi nkluza vjolenza domestika, mohqrija, theddid u ingurji gravji, u kawza ta’ l-istess, iz-zwieg bejn il-kontendenti jirrizulta li m’ghadux aktar possibbli u z-zwieg ta’ bejniethom tkisser irrimedjabbilment. Din il-Qorti thoss li mill-provi prodotti bl-ebda mod ma jista’ jinghad li l-konvenuta kkontribwiet ghall-istess.

"2. Tichad din it-talba *stante* li l-konvenuta m’hijiex hatja tal-firda u minflok tiddikjara u tikkonferma li l-attur huwa hati ta’ l-istess separazzjoni u ghalhekk qed jigu applikati kontra tieghu id-dispozizzjonijiet ta’ l-**Artikolu 48 tal-Kap 16** fl-intier taghhom u b’hekk qed jigi dikjarat li l-attur tilfef ukoll il-jeddijiet imsemmijin fl-**Artikoli 631, 633, 825, 826 u 827** kif ukoll dak kollu li tkun kisbet mill-parti l-ohra b’donazzjoni bi hsieb taz-zwieg, jew waqt iz-zwieg, jew taht titolu iehor gratwit; kif ukoll kull jedd ta’ parti miz-zwieg ghan-nofs ta’ l-akkwisti li jkunu saru bil-hidma tal-parti l-ohra.

"Illi rigward tal-kommunjoni ta’ l-akkwisti, din ghandha tigi dikjarata terminata u xolta u dan b’effett mid-data ta’ din is-sentenza.

"Illi din il-Qorti *arbitro boni viri,* u wara li hadet konjizzjoni anke tas-sottomissjonijiet kollha tal-partijiet qieghed tiddividi u tassenja l-oggetti kollha formanti parti mill-komunjoni ta’ l-akkwisti bil-mod segwenti:-

"Illi l-attur qed jigi assenjat is-segwenti:-

"1. Vettura tal-marka “Skoda”;

"2. *Video Camera;*

"3. Kompjuter;

"4. *Television* u *surround system.*

"5. Kamra tas-Sodda.

"6. Mejda indikata minnu bhala t-tieni *item* a fol. 79 tal-process;

"7. Gwardarobba;

"8. *Gas Heater.*

"Illi l-istess attur ghandu jhallas id-dejn kollu indikat mal-Maltacom u nofs id-dejn mal-Water Services Corporation, sad-data meta effettivament johrog mid-dar konjugali, inkluz ghalhekk il-kontijiet pendenti ma’ l-istess imsemmija f’din il-kawza.

"Illi minn naha l-ohra din il-Qorti qed tassenja lill-konvenuta bhala sehma mill-komunjoni ta’ l-akkwisti:-

"1. Curkett u brazuletta;

"2. *Washing Machine;*

"3. *Chandelier;*

"4. Pompa ta’ l-ilma;

"5. *Roof Membrane;*

"6. *Cooker*;

"7. Kamra tal-banju;

"8. Polza ta’ assikurazzjoni li tinsab f’isem l-konvenuta, *stante* li jirrizulta li din thallset dejjem minnha,

"Illi l-konvenuta ghandha thallas nofs l-ammonti dovuti lill-Water Services Corporation sad-data meta l-attur jibqa’ jghix fid-dar matrimonjali, u wara tali data l-istess servizzi kollha fl-istess dar ikunu a karigu taghha.

"Illi l-Qorti tiddikjara li d-dar matrimonjali li hija l-fond “Schreiber Flats”, Flat 4, Triq il-Gurbel, Paola, hija proprjeta` parafernali tal-konvenuta ghaliex inxtrat minnha qabel iz-zwieg u din bil-mobbli l-ohra kollha mhux hawn indikati u tordna li l-konvenuta ghandha tigi awtorizzata tghix esklussivament fid-dar matrimonjali flimkien mat-tfal minuri bl-eskluzjoni ta’ l-attur, li ghandu fi zmien qasir u perentorju ta’ ghoxrin (20) gurnata mid-data ta’ din is-sentenza jizgombra mill-istess fond. Kull dejn gravanti l-istess dar, inkluz ma’ kull bank kummercjali ghandu jibqa’ a karigu ta’ l-istess konvenuta.

"3. Tichad din it-talba kif proposta, izda tiddikjara li mhux ser jigi likwidat manteniment *verso* l-konvenuta peress li hija llum ghandha impjieg u ntrojtu taghha. Qed jigu wkoll applikati kontra l-attur id-dispozizzjonijiet ta’ l-**Artikolu 48 tal-Kap. 16** kif inghad. L-istess attur huwa obbligat li jmantni u jikkontribwixxi ghall-manteniment ta’ uliedu kif ser indikat konsegwenti ghar-raba’ talba u kif gie deciz iktar ‘il fuq.

"4. Tichad din it-talba sabiex takkorda l-kura u l-kustodja taz-zewgt itfal minuri lill-attur u minflok takkorda l-istess kura u l-kustodja tal-minuri lill-konvenuta, ommhom, b’dan illi l-missier l-attur ghandu jkollu access ghall-istess minuri

kull nhar ta' Tlieta u Hamis mill-4.00.p.m. sas-7.00.p.m. u darba is-Sibt u darba il-Hadd, b'mod alternattiv gimgha gimgha, mill-10.00.a.m. sas-1.00.p.m, b'dan li l-istess minuri jittiehdu u jingiebu lura mill-attur mir-residenza tal-konvenuta. Tordna wkoll li tali access jigi moniterjat mill-Agenzija Appogg a spejjez taz-zewg partijiet, u kopja legali ta' din id-decizjoni ghandha tigi notifikata a spejjez tal-konvenuta lill-istess Agenzija Appogg, sabiex l-istess Agenzija taderixxi ruhha tempestivament ma' din is-sentenza.

"Illi din il-Qorti tipprovdi wkoll li l-istess drittijiet u obbligi ta' kura u kustodja u access ghall-minuri mill-partijiet huwa relevanti biss ghal Malta, fejn l-istess ulied huma residenti u domiciljati u l-ebda wahda mill-partijiet m'ghandha tiehu lill-istess ulied jew wiehed minnhom barra minn Malta hlief bil-kunsens bil-miktub taz-zewg partijiet jew fin-nuqqas ta' ftehim bl-awtorizzazzjoni tal-Qorti kompetenti Maltija.

"Illi fl-interess tal-minuri din il-Qorti tipprovdi li l-istess konvenuta ghandha tipprovdi ghall-manteniment ta' l-istess ulied ghaliex l-istess jghixu maghha, b'dan li l-istess attur huwa ordnat sabiex jikkontribwixxi ghall-manteniment ta' l-istess minuri fl-ammont ta' disghin lira Maltija (Lm90) fix-xahar u dan b'effett mid-data ta' din is-sentenza u jithallsu bix-xahar bil-quddiem fir-residenza ta' l-istess konvenuta.

"5. Tichad din it-talba *stante* li m'hemmx bzonnha.

"Bl-ispejjez kollha kontra l-attur.

"Illi *inoltre* minhabba li l-attur abbuza mill-proceduri quddiem din il-Qorti u dan huwa rifless mill-mod li l-istess attur dam biex ressaq il-provi tieghu, fejn saru diversi seduti quddiem il-Perit Legali ghax-xhieda tieghu minghajr biss ma attenda  u wkoll bil-mod kif l-istess attur ressaq il-provi tieghu fejn anke injora d-digrieti ta' din il-Qorti dwar l-istess, b'dan li bla dubju tawwal is-smiegh tal-kawza bla bzonn, u *in vista* ta' dan kollu din il-Qorti b'applikazzjoni tal-**paragrafu 10 ta' l-Iskeda "A" tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta** tordna lilll-attur jhallas is-somma ta' hames mitt

lira Maltija (Lm500) bhala spejjez addizzjonali fir-Registru tal-Qorti, liema hlas ta' l-imsemmija spejjez addizzjonali ghandu jsiru fi zmien ghoxrin (20) gurnata mid-data ta' din is-sentenza."

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:
"Illi l-**attur** xehed li hu zzewweg lill-konvenuta nhar l-10 ta' Mejju 1995 u minn dan iz-zwieg kellhom zewgt itfal. Xehed li fil-bidu z-zwieg taghhom kien felici izda wara ftit beda l-glied, tant li kien telaq mid-dar matrimonjali ghal xi zmien. Xehed li fil-prezent irritorna fid-dar matrimonjali izda xehed li huma ddecidew li ghandom jisseparaw.

"Illi d-dar matrimonjali nxtrat fuq isem il-konvenut izda hu kien ta kontribut fuq is-self fuq id-dar. Xehed li kienu xtraw ukoll karozza u *inoltre* hu kien hallas ghal diversi oggetti ohra. Jghid li huwa kkontribwixxa ghall-hlas tas-self tal-bank permezz ta' sittin lira Maltija (Lm60) fix-xahar li huwa sostna li ghadu jhallas sad-data meta xehed.

"Illi hu kien lest li jhallas manteniment kif stipulat lit-tfal u li jhallas in-nofs ta' l-ispejjez komuni.

"Illi l-**konvenuta** spjegat illi hi u zewgha zzewgu fl-10 ta' Mejju 1995. Xehdet li r-ragel taghha kien ta' nazzjonalita` Jugoslava. Xehdet li miz-zwieg kellha zewgt itfal. Damet gharusa ghal xi seba' jew tmien xhur u wara zzewgu peress li kienet inqabdet tqila. Xehdet illi l-attur kellu wkoll certu ghagla ghax biz-zwieg taghhom huwa kien jirregolarizza l-posizzjoni tieghu hawn Malta. Il-familja taghha ma tantx hadet pjacir li kienet se tizzewweg ragel ta' nazzjonalita` barranija.

"Illi l-konvenuta xehedet li z-zwieg taghha mill-bidu beda bl-inkwiet. Ftit wara li zzewgu kellhom xi hbieb id-dar u zewgha kellu ritratt ta' mara Gappuniza u beda jiftahar li kien hareg maghha. Xehdet li dakinhar kienet inqalghet glieda kbira.

"Illi xehdet ukoll illi zewgha kellu cappetta tad-deheb. Meta staqsietu minn fejn kien gabha qalilha li kienet rigal

minghand habib. Hi bdiet tithasseb u ndunat li fuqhom kien hemm imnaqqax isem ta' mara. "Xehdet li meta kienet tikkonfronta lil zewgha dan kien dejjem ibiddel il-verzjoni tieghu. Huwa kien refa jdejh fuqha minkejja li hija kienet tqila. Kien hemm okkazzjonijet ohra fejn kienet tithasseb mill-agir ta' zewgha u kien jiffissa jhares lejn nisa ohra.

"Illi xehdet li hi kienet tahdem izda zewgha ftit kien jghinha. Xehdet ukoll illi zewgha kien jonfoq il-flus. Fil-fatt kien xtara karozza u vann allavolja ma kienx hemm bzonn u b'konsegwenza ta' dan huma kellhom jiddejnu.

"Illi l-konvenuta qalet li kien hemm incidenti ohra meta l-proceduri tas-separazzjoni kienu diga` bdew u zewgha kien telaq mid-dar u mar jghix f'Bugibba.

"Illi hija xehdet illi hi ma kenitx thossha stamata minn zewgha u dan minhabba l-attitudni tieghu lejha. Mill-bidu taz-zwieg kienet *pregnant* izda xorta wahda kien ikollha tqum kmieni hafna biex tixtrilu l-hobz u tnaddaf minn warajh. Xehdet *inoltre* li ma kienx jiehu hsieb it-tfal. Xehdet li hu kien jistenniha tidhol mix-xoghol biex hu johrog 'il barra.

"Illi kienu jpoggu l-paga go kexxun, hi kienet tiehu xi tletin lira u hu kien jiehu xi disghin lira. Xehdet li hi biex tixtri xi haga dejjem kellha turih ir-ricevuta. Hi mhix dejjem kienet issib flus biex tixtri ghal hajja. Fil-fatt il-konvenuta xehdet li ommha kellha thallas ghall-ikel kif ukoll ghall-affarijiet ohra bhall-uniformijiet tat-tfal.

"Xehdet li r-ragel taghha kien jaghmel mill-ahjar tieghu biex jurtaha qabel ma' titlaq ghax-xoghol. Xehdet li d-dar kien imur biss biex jinhasel, jiekol u jorqod. Xehdet li l-attur qatt ma kien jaghti kaz tat-tfal. Il-konvenuta kient imwerwra minnu ghax kien jhedidha.

**"Illi omm il-konvenuta** Consiglia sive Connie Degiorgio **xehdet li kien biss wara erba' xhur ta' gherusija li hi saret taf li t-tifla taghha kienet qed tohrog ma' ragel ta' nazzjonalita` barranija. Xehdet *inoltre* li kien biss**

**wara li zzewgu li saret taf li kienu flimkien ghal seba' xhur biss u li t-tifla kienet harget tqila qabel iz-zwieg.**

"Xehdet li t-tfal ta' bintha kienet tiehu hsiebhom hi, peress li t-tnejn kienu jahdmu.

"Xehdet li kienet indunat li bintha kellha genn biex tixtri post sa minn qabel izzewgu u dan biex tizzewweg malajr peress li bintha kienet qed tinkwieta li kienu ser ikeccu lill-konvenut barra minn Malta. Xehdet li meta marret tkellem lil min kien responsabbli ghall-*visas* kienu qalulha li kienu diga` gedduhielu. Indunat li l-attur ried jibqa' Malta u ghalhekk ried jizzewweg.

"Xehdet li bintha kienet xtratilha karozza tat-tip Fiat, izda l-attur qabad u ghamilha tieghu. B'konsegwenza ta' dan, wara erba' xhur kisser il-karozza u ddecieda li jixtri karozza gdida. Minhabba dan bintha ddejnet. Xehdet li r-ragel taghha kien kapriccuz hafna.

"Xehdet li *inoltre* li l-attur kien egoist. Xehdet li darba minnhom l-istess attur irrifjuta li jhallas biex ibnu jaghmel operazzjoni privatament izda fl-istess perjodu iddecieda li jixtri *video camera*. Darb'ohra xehdet li l-attur iddecieda li jixtri *truck* izda dan ma kienx ta' bzonn.

"Xehdet li l-attur qatt ma kien jaghti kontribut fil-hajja familjari.

"Xehdet li f'incident minnhom meta l-attur kien diga` telaq mid-dar matrimonjali kellhom *party* fid-dar taghhom. Dakinhar l-attur cempel lil bintha u din bdiet tibki. X'hin marru fid-dar ta' bintha sabu il-biljett ta' l-ajru u l-flus neqsin. Xehdet li xi hin wara tfacca l-attur li kien fis-sakra. Inqala' incident fejn intervjeniet il-Pulizija u arrestat lill-attur.

"Xehdet li l-attur li kien mar jghix wahdu gewwa Bugibba imbaghad Wied il-Ghajn. Izda wara xi perjodu kien irritorna jabita ma' bintha.

<u>**"(ii) PRINCIPJI LEGALI**</u>

Illi din il-kwaza kienet giet istitwita mill-attur kontra martu u fl-ewwel erba' talbiet huwa talab li tigi dikjarata s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dan minhabba htijiet attribwibbli lill-konvenuta, talab ukoll li jwaqqaf ihallas manteniment, li jiehu l-kura u l-kustodja tat-tfal u li jigu applikati kontra l-konvenuta s-sanzjonijiet kontemplati fil-ligi u indikati fl-att tac-citazzjoni.

Il-konvenuta filwaqt li qablet li ghandha tigi ddikjarata s-separazzjoni bejn il-kontendenti eccepiet illi dan ghandu jigi dikjarat minhabba ragunijiet imputabbli lill-attur.

<u>**"(ii) Apprezzament tal-Provi.**</u>

"Illi l-kontendenti qed jitolbu d-dikarazzjoni ta' separazzjoni minhabba diversi ragunijiet li huma:-

"Il-kelma 'eccessi' tinkludi dawk l-atti vjolenza li jipperikolaw il-hajja jew is-sahha ta' dik il-persuna kontra min huma diretti. Il-vjolenza trid tkun wahda ta' natura gravi.

"Fil-kawza **"Muscat utrinque"** deciza fl-4 ta' Jannar 1880 il-Qorti kienet qalet:

"“Se gli eccessi, specialmente quando consistono in attentati, che compromettono la stessa esistenza di colui che ne e' vittima, costituiscono per se stessi, senza necessita` di alcuna indagine, causa di separazione…”

"Illi skond il-gurisprudenza Maltija eccessi jfissru atti mwettqa fuq il-parti l-ohra liema atti jridu jkunu ta' serjeta` kbira li *niente di meno* jridu jkunu ta' perikolu ghall-hajja tal-parti l-ohra (*vide* **"Maria Mifsud vs Vincenzo Mifsud"** deciza fit-30 ta' Gunju 1961 – Prim'Awla).

"Illi minn naha l-ohra mohqrija tinkludi dawk l-atti ta' maltrattament, li minkejja li ma jipperikolawx il-hajja jew is-sahha ta' dak li jkun tirrendi l-hajja konjugali impossibbli. Il-ligi taht l-**artikolu 40,** taghmel riferenza ghall-mohqrija

izda mhux ghal sevizji, izda mill-gurisprudenza jidher illi l-kelma mohqrija u sevizji jfissru l-istess haga.

"Illi fil-kawza **"Camilleri utrinque"** deciza fis-16 ta' Marzu 1898, din il-Qorti kienet affermat li:-

*"“Per sevizie nel senso della legge s' intendono atti abituali di crudelta' che offendono la persona o l'anima di colui e sono diretti al punto da ingenerare in lui perturbazione, un dolore ed un avversione verso chi commette tali atti.”*

"Illi fil-kawza **"Maria Mifsud vs Vincenzo Mifsud"** (P.A. - 30 ta' Gunju 1961) gie ritenut li:-

*"“Certi fatti, kliem u modi ta' azzjoni jew atteggjamenti li jistghu jrendu l-hajja komuni insopportabbli, huma ritenuti mid-dottrina bhala sevizji.”*

"Illi l-aggravju ta' theddid tinkludi kliem bil-miktub jew bil-fomm jew anki agir li jinghadu jew jsiru bl-ghan illi twegga' lill-parti l-ohra u biex trendilhom hajjithom mizerabbli u skuntenta.

"Illi fil-kawza **"Maria Mifsud vs Vincenzo Mifsud"** (P.A. - 30 ta' Gunju 1961) inghad:-

*"“Il-minacci jistghu jkunu verbali jew reali u materjali. Jekk dawn verbali jkunu l-effett ta' l-impetu u mhux rinforzati mill-intenzjoni li jkunu sussegwiti mill-azzjoni, fil-kaz ta' nies ta' certu cetu socjali ma jawtorizzax lill-Qorti taccettahom bhala raguni u motiv ta' firda personali; imma jekk ikunu tali li jirrivestu azzjoni, u min jaghmilhom jidher li hu kapaci jikkunsmahom, allura indubbjament jiffurmaw motiv ta' separazzjoni.”*

"Illi fil-kawza **"Rita Schembri vs Dott. Albert Grech et noe"** (P.A. - 16 ta' April 1953) kien inghad li:-

*"“Stante diffikulta` tal-prova ta' adulterju, dan jista' jigi ppruvat permezz ta' indizzji u presunzjonijiet purche' ikunu*

*gravi u konkordanti b'mod li ma jhallu ebda dubbju f'min ghandu jiggudika".*

"Illi dan il-hsieb kien gie konfermat f'sentenzi ohrajn, aktar ricenti, **"Brincat utrinque"** deciza fil-31 ta' Marzu 1955, **"Josephine Anne Edwards vs Avukat Dr Joseph A. Xuereb noe"** (P.A. - 22 ta' Frar 1961), u **"Anthony Bonnici vs Rose Bonnici"** (A.C. -7 ta' April 1978).

"Illi fil-kawza **"Josephine Anne Edwards vs Avukat Dr. Joseph A. Xuereb noe"** din il-Qorti qalet li:-

*""Ghall-prova ta' l-adulterju ma hemmx bzonn ta' testimonjanza 'de visu', jew il-flagranza, bizzejjed il-konkors ta' cirkostanzi precizi, gravi u univoci, li jwasslu lill-gudikant ghall-konvinciment tal-fatt."*

"Illi din il-Qorti thoss li mill-provi kollha prodotti nkluz mill-affidavits tal-konvenuta u mix-xhieda minnha prodotta jidher illi jirrizulta hemm provi sufficjenti dwar incidenti fejn fil-hajja konjugali taghhom fejn l-attur irrenda ruhu hati *verso* l-konvenuta ta' sevizzi, mohqrija, u eccessi, fejn jirrizulta li l-istess attur kien hati verso l-konvenuta anke ta' vjolenza domestika, li tinkludi mhux biss incidenti ta' swat fiziku, izda wkoll mohqrija morali, fejn kien kontinwament ifittex kif jinkwieta lill-konvenuta, u kien juriha li qed jiehu pjacir jaghmel dan. Mhux biss izda x-xhieda tal-konvenuta hija ezawrienti u konvincenti anke fil-fatt li jidher car li minkejja dak li l-istess attur jghid litteralment f'zewg linji, kienet hija li dejjem ghamlet *fronte* ghall-problemi tal-familja, ghaliex l-istess konvenut kien jipprova jghix hajja ta' guvni, u r-responsabilitajiet dejjem waqghu fuq l-istess konvenuta. F'dan kollu x-xhieda ta' l-attrici hija kkoroborata mix-xhieda ta' ommha, mentri l-konvenut xehed permezz ta' l-affidavits b'mod ghal kollox kazwali, u jidher car li fl-istess affidavit huwa iktar interessat x'ser jiehu bhala semhu li huwa jirreferi bhala spejjez tad-dar u z-zwieg. Fil-fatt minkejja li ghamel il-kawza huwa, u dam sew sabiex ressaq il-provi tieghu, (tali provi huma ta' liema natura huma) jidher li minn kliemu stess huwa qed imexxi din il-kawza ta' separazzjoni ghaliex qed jghid li huwa mpossibbli li l-partijiet jghixu flimkien u dan anke

allegatament minhabba l-indhil tal-genituri tal-konvenuta, u b’hekk huwa jghid li l-partijiet qablu li jkun ahjar jekk jissepparaw.  Certament li b’din l-attitudini tieghu anke f’din il-kawza ma jistax jinghad li huwa pprova l-allegazjonijiet tieghu vantanti fic-citazzjoni attrici, anzi jidher car li huwa ppregudika serjament il-kaz tieghu ghaliex *in verita* ma hemm xejn mill-provi prodotti minnu li b’xi mod jissostanzjaw id-dikjarazzjonijiet attrici.  Anzi l-provi li hemm huma dawk tal-konvenuta li jikkontrastaw ma’ dak kollu allegat mill-attur.

"Illi mhux biss izda jirrizulta wkoll li l-attur ingurja gravament lill-konvenuta fejn anke allega li l-istess konvenuta kienet hatja ta’ adulterju, meta prova dwar l-istess assolutament m’ hemmx.  L-istess attur jidher li jibbazza din l-allegazjoni serja fuq il-fatt li l-konvenuta siefret xi darba jew darbtjen l-Isvizzera fuq xoghol, izda certament dan ma jammontax ghall-aggravju allegat mill-attur, u b’hekk anke f’dan, l-istess attur huwa hati lejn il-konvenuta.  Dawn in-nuqqasijiet fil-mod kif l-istess attur mexa’ waqt il-kawza juru nuqqas serju minn naha tieghu kif mexa f’dawn il-proceduri ta’ separazzjoni, fejn fl-opinjoni ta’ din il-Qorti, hemm nuqqas ta’ serjeta` totali sahanistra ghall-process gudizzjarju anke b’dewmien inutili, li dwarhom din il-Qorti ser tiehu l-provvedimenti opportuni f’din id-decizjoni.

"Illi ghalhekk din il-Qorti thoss li l-attur ghandu jinzamm hati tas-separazzjoni bejn il-partijiet u dan ghaliex huwa rrenda ruhhu hati *verso* il-konvenuta ta’ sevizzi, eccessi nkluza vjolenza domestika, mohqrija, theddid u ngurji gravji, u kawza ta’ l-istess z-zwieg bejn il-kontendenti jirrizulta li ma ghadux aktar possibbli u z-zwieg ta’ bejniethom tkisser irremedjabbilment.  Din il-Qorti thoss li mil-provi prodotti bl-ebda mod ma jista’ jinghad li l-konvenuta kkontribwiet ghall-istess.

"Illi l-attur talab ukoll almenu fic-citazzjoni attrici li tinghata lilu l-kura u l-kustodja tat-tfal minuri.  Il-konvenuta da parti taghha *sia* fin-nota ta’ ecezzjonijiet kif ukoll fin-nota guramentata rrilevat illi t-tfal trabbew maghha u ma’ ommha u dan ma jidhirx li huwa kontestat mill-istess

konvenut, u ghalhekk din il-Qorti thoss li huwa fl-interess tal-minuri li l-kura u l-kustodja ta’ l-istess tfal tigi fdata f’idejn il-konvenuta. Fil-fatt jidher li l-attur jaqbel ma’ dan, kif indika wkoll fin-nota ta’ osservazzjonijiet tieghu tat-12 ta’ April 2004. Jinghad illi fil-fatt gie ppruvat illi kienet il-konvenuta u ommha li rabbew iz-zewgt itfal, B ta’ seba’ (7) snin u B ta’ hames (5) snin.

"Illi ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti thoss li huwa fl-ahjar interess tal-minuri msemmija illi l-kura u l-kustodja tal-minuri tkun fdata mal-konvenuta ommhom b’dan illi l-missier attur ghandu jkollu access ghall-istess minuri kull nhar ta’ Tlieta u Hamis mill-4.00.p.m. sas-7.00.p.m. u darba is-Sibt u darba il-Hadd, b’mod alternattiv gimgha gimgha, mill-10.00.a.m. sas-1.00.p.m, b’dan li l-istess minuri jittiehdu u jingiebu lura mill-attur mir-residenza tal-konvenuta. Tordna wkoll li tali access jigi moniterjat mill-Agenzija Appogg a spejjez taz-zewg partijiet, u kopja legali ta’ din id-decizjoni ghandha tigi notifikata a spejjez tal-konvenuta lill-istess Agenzija Appogg, sabiex l-istess Agenzija taderixxi ruhha tempestivament ma’ din is-sentenza.

"Illi fl-ahharnett jigi rilevat illi l-attur huwa ta’ nazzjonalita’ barranija u ghaldaqstant l-access ghall-istess attur ghandu jkun limitat biss ghal dawn il-Gzejjer, b’dan li din il-Qorti qed tipprovdi li l-istess drittijiet u obbligi ta’ kura u kustodja u access ghall-minuri mill-partijiet huwa relevanti biss ghal Malta, fejn l-istess ulied huma residenti u domiciljati u l-ebda wahda mill-partijiet ma ghandha tiehu lill-istess ulied jew wiehed minnhom barra minn Malta hlief bil-kunsens bil-miktub taz-zewg partijiet jew fin-nuqqas ta’ ftehim bl-awtorizzazzjoni tal-Qorti kompetenti Maltija.

"Illi b’digriet ta’ l-Onorabbli Sekond’Awla tal-Qorti Civili l-attur gie ordnat ihallas lil martu ghaliha u ghaz-zewg uliedu minuri somma ta’ sittin lira Maltin (Lm60) fix-xahar bhala manteniment. Illi l-attur iddikjara illi huwa jrid ikompli jhallas l-ammont ta’ sittin lira Maltin (Lm60) fix-xahar ghaz-zewgt itfal uliedu. Illi din il-Qorti thoss li l-istess ammont ghandu jigi awmentat ghal disghin lira Maltija (Lm90) fix-xahar u dan *stante* li mill-provi prodotti jirrizulta

li l-attur ghandu l-mezzi bizzejjed sabiex almenu jikkontribwixxi ghall-istess manteniment ta' uliedu tenut kont tax-xoghol tieghu. L-ammont hawn likwidat certament huwa wiehed minimu, izda din il-Qorti qed tiehu konjizzjoni tal-fatt li permezz ta' din is-sentenza, kif ser jinghad iktar 'il quddiem l-istess attur ser ikollu jfittex residenza alternattiva. Ovvjament l-istess konvenuta ghandha tmantni lill-istess uliedha kif qed taghmel *stante* li qed jghixu maghha u fil-fatt dak li qed jigi likwidat bhala manteniment ghall-minuri pagabbli mill-attur huwa l-kontribuzzjoni tieghu ghall-istess manteniment ta' uliedu.

"Illi dwar manteniment ta' l-attur, l-istess attur qed jigi ddikjarat li huwa tilef kull dritt ta' manteniment *stante* li qed jigu applikati fil-konfront tieghu d-dispozizzjonijiet ta' l-**artikolu 48 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.** Fil-kuntest ta' manteniment ghall-konvenuta mill-attur, jidher li l-istess konvenuta ghandha l-introjtu taghha u allura f'dan l-istadju ma' huwiex il-kaz li jigi likwidat ammont ta' manteniment favur il-konvenuta u dan biss ghaliex hija ghandha mpjieg taghha – jekk ikun hemm bdil ta' cirkostanzi jibqa' veljanti d-dritt taghha ta' manteniment kontra l-attur skond il-ligi.

"Illi rigward tal-kommunjoni ta' l-akkwisti, din ghandha tigi dikjarata terminata u xolta u dan b'effett mid-data ta' din is-sentenza.

"Ili din il-Qorti taqbel li d-dar matrimonjali li hija l-fond "Schreiber Flats", Flat 4, Triq il-Gurbel, Paola, hija proprjeta` parafernali tal-konvenuta ghaliex inxtrat minnha qabel iz-zwieg u taqbel ukoll mal-perit legali li l-konvenuta ghandha tigi awtorizzata tghix esklussivament fid-dar matrimonjali flimkien mat-tfal minuri. Kull dejn gravanti l-istess dar, inkluz ma' kull bank kummercjali ghandu jibqa' a karigu ta' l-istess konvenuta.

"Illi dwar l-allegat self li sar mill-bank waqt iz-zwieg, fejn l-istess attur qed jallega li thallas waqt iz-zwieg l-ammont ta' tnax-il elf lira Maltija (Lm12,000) u allura qed jghid li huwa hallas is-somma ta' sitt elef lira Maltija (Lm6,000) mill-introjtu tieghu, jinghad qabel xejn li l-istess attur ma gab l-ebda prova dwar l-istess; anzi dan jirrizulta

kontradett mill-istess konvenuta, li fix-xhieda taghha kienet konsistenti fl-allegazzjoni taghha li kienet hija u hija biss li dejjem hasbet ghar-responsabilitajiet tal-familja taghha, u dan ghaliex l-attur kien jinteressah biss fl-affarijiet tieghu, tant li hija kellha tibqa' tahdem, u allura hallset l-istess self mill-qliegh taghha – fil-fatt dwar il-*loan repayments* jigi rilevat illi l-konvenuta esebiet xi bank *deposit slips* bhala prova illi kienet hi li hallset ghall-istess self bankarju fuq id-dar.  F'dan il-kuntest qed jinghad ukoll li ghall kull effet u buon fini tal-ligi qed jigu applikati kontra l-attur id-dispozizzjonijiet ta' l-**Artikolu 48 tal-Kap 16** u ghalhekk kull allegazzjoni u pretensjoni f'dan ir-rigward mill-attur qed tigi hawn michuda – proprju kif sar mill-perit legali kemm fir-rapport tieghu u kemm in eskussjoni. F'dan il-kuntest wiehed jinnota t-traskuragini kbira ta' l-attur kif anke ressaq il-provi tieghu, *stante* li lanqas biss indenja ruhhu jressaq xi provi sabiex jikkoroboraha jew b'xi mod jissostanzja l-pretensjonijiet tieghu minnu vantati. Mhux hekk biss izda jirrizulta li fil-mori tal-kawza kull ma kien jikkontribiwixxi kien biss l-ammont ta' sittin lira Maltija (Lm60) bhala manteniment ghall-minuri, u b'hekk almenu onora d-digriet tas-Sekond'Awla tal-Qorti Civili, u xi spejjez ohra zghar, b'dan ghalhekk li lanqas fil-mori ta' din il-kawza ma jidher li hallas mill-istess self mal-bank.

"Illi mill-provi prodotti jirrizulta li kontijiet bankarji lokali jew f'banek esteri f'isem il-kontendenti ma jidhirx li hemm.

"Il-konvenuta ddikjarat illi meta nxtrat id-dar matrimonjali din kienet tikkomprendi xi mobbli.  Ghaldaqstant l-istess mobbli, liema mobbli ma humiex elenkati, ghandhom jitqiesu proprjeta' parafernali tal-konvenuta.

"Illi skond l-konvenuta il-komunjoni ta' l-akkwisti tikkomprendi bhala assi:-

"1. kamra tas-sodda,

"2. *television* tal-marka Samsung,

"3. *surround system* ta' l-istess TV,

"4. kompjuter,

"5. vettura Skoda numru ta’ registrazzjoni “GMN-153” li tiswa madwar elf u hames mit lira Maltin (LM 1,500).

"Illi bhala dejn l-istess konvenuta qed tghid li hemm:-

"1. dejn mas-socjeta’ Maltacom fl-ammont ta’ tlett mija sitta u sittin lira Maltin n (LM 366);

"2. dejn mal-Korporazzjoni Water Services fl-ammont ta’ mija u hamsin lira Maltija (LM 150);

"Illi l-attur minn naha tieghu llimita ruhu biss sabiex jelenka l-ispejjez li huwa jallega li ghamel waqt iz-zwieg. Dawn huma skond l-istess attur:-

"1.  Curkett u brazzuletta fl-ammont ta’ sitt mitt lira Maltin (Lm600);

"2. Mejda bil-valur ta’ sitt mija u sittin lira Maltin (Lm660);

"3. *Washing Machine* b’valur ta’ tlett mitt lira Maltin (Lm300);

"4. *Chandelier* b’valur ta’ mitejn lira Maltin (Lm200);

"5. Pompa ta’ l-ilma b’valur ta’ mija u hamsin lira Maltin (Lm150);

"6. *Roof Membrane* b’valur ta’ tlett mitt lira Maltin (Lm300);

"7. *Bedroom Furniture* b’valur ta’ disa’ mitt lira Maltin (Lm900);

"8. *Video Camera* b’valur ta’ tlett mitt lira Maltin (Lm300);

"9. *Gas Heater* b’valur ta’ hamsa erbghin lira Maltin (Lm45);

"10. *Cooker* b’valur ta’ mitt lira Maltin (Lm100);

"11. Gwardarobba b'valur ta' mitt lira Maltin (Lm100);

"12. Kamra tal-banju b'valur ta' sittin lira Maltin (Lm60);

"13. Polza ta' assikurazzjoni b'valur ta' elfejn lira Maltin (Lm2,000).

"14. Spejjez konnessi mad-dar matrimonjali b'valur ta' hames telef seba' mija u hmistax-il lira Maltin (Lm5,715);

"15. *Loan Repayments* b'valur ta' hdax-il elf u hames mitt lira Maltin (Lm11,500);

"16. Vettura b'valur ta' hames telef u hames mitt liri Maltin (Lm5,500).

"Illi apparti dak li nghad dwar is-self mill-bank fuq id-dar u l-mod kif thallas, u l-istess japplika ghal xogholijiet li l-attur jghid li saru fl-istess fond, ma ngabet lanqas l-ebda prova ta' hlas da parti ta' l-attur ghal dawn l-oggetti u spejjez hawn surreferiti. *In verita* dwar l-oggetti elenkati mill-konvenuta ftit jew xejn ma ingabu provi.

"Hemm biss qbil dwar il-vettura tal-marka "Skoda" li din tinstaq mill-attur.

"Illi ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti *arbitro boni viri,* u wara li hadet konjizzjoni anke tas-sottomissjonijiet kollha tal-partijiet qeghda tiddividi u tassenja l-oggetti kollha formanti parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti bil-mod segwenti:-

"Illi l-attur qed jigi assenjat is-segwenti:-

"1. Vettura tal-marka "Skoda";

"2. *Video Camera*;

"3. Kompjuter;

"4. *Television u sunsurround system.*

"5. Kamra tas-Sodda.
"6. Mejda indikata minnu bhala t-tieni *item* a fol. 79 tal-process;

"7. Gwardarobba;

"8. *Gas Heater*.

"Illi l-istess attur ghandu jhallas id-dejn kollu indikat mal-Maltacom u nofs id-dejn ezistenti mal-Water Services Corporation, sad-data meta effettivament johrog mid-dar konjugali, inkluz ghalhekk il-kontijiet pendenti ma' l-istess imsemmija f'din il-kawza.

"Illi minn naha l-ohra din il-Qorti qed tassenja lill-konvenuta bhala sehma mill-komunjoni ta' l-akkwisti:-

"1. Curkett u brazzuletta fl-ammont ta' sitt mitt lira Maltin (Lm600);

"2. *Washing Machine* b'valur ta' tlett mitt lira Maltin (Lm300);

"3. *Chandelier* b'valur ta' mitejn lira Maltin (Lm200);

"4. Pompa ta' l-ilma b'valur ta' mija u hamsin lira Maltin (Lm150);

"5. *Roof Membrane* b'valur ta' tlett mitt lira Maltin (Lm 300);

"6. *Cooker* b'valur ta' mitt lira Maltin (Lm 100);

"7. Kamra tal-banju b'valur ta' sittin lira Maltin (LM 60);

"8. Polza ta' assikurazzjoni li tinsab f'isem l-konvenuta, *stante* li jirrizulta li din thallset dejjem minnha,

"Illi l-konvenuta ghandha thallas nofs l-ammonti dovuti lill Water Services Corporatuion sad-data meta l-attur jibqa' jghix fid-dar matrimonjali, u wara tali data l-istess servizzi jkunu a karigu taghha.

"Il-hames talba attrici ghandha tigi michuda."

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' l-attur li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab ir-revoka tas-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti u l-akkoljiment tat-talbiet tieghu;

Rat ir-risposta tal-konvenuta li in forza taghha, ghar-ragunijiet hemm premessi, talbet ir-rigett ta' l-appell, u l-konferma tas-sentenza ta' l-ewwel Qorti;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat;

Illi din hi kawza ta' separazzjoni bejn il-partijiet li zzewgu fl-10 ta' Mejju 1995, mil-liema zwieg twieldu zewgt itfal. Wara li semghet il-provi prodotti, l-ewwel Qorti tat is-sentenza taghha li in forza taghha ppronunzjat is-separazzjoni personali bejn il-partijiet, izda mhux minhabba nuqqasijiet tal-konvenuta, kif talab l-attur, izda ghal ragunijiet imputabbli lill-attur li rrenda ruhu hati versu l-konvenuta ta' sevizzi, eccessi, mohqrija u ingurji gravi. Bhala konsegwenza ta' dan applikat fil-konfront ta' l-attur id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 48 tal-Kodici Civili, u cahditu mill-jeddijiet imsemmija fl-Artikoli 631, 633, 825, 826 u 827 ta' l-istess kodici (l-ahhar tlett artikoli m'ghadhomx jezistu fil-Kodici). Il-Qorti tterminat u llikwidat il-komunjoni ta' l-akkwisti allura vigenti bejn il-partijiet, u filwaqt li ddikjarat li ma kenitx se tordna l-hlas ta' manteniment favur il-konvenuta peress li din ghandha impjieg u introjtu taghha, ordnat lill-attur ihallas lill-martu, bhala manteniment ghal uliedu, Lm90 fix-xahar; il-kura u l-kustodja tal-minuri gew fdati lill-konvenuta. Peress li, fil-fehma ta' l-ewwel Qorti, l-attur abbuza mill-proceduri legali, gie mmultat is-somma ta' Lm500 bhala spejjez addizzjonali bl-applikazzjoni tal-paragrafu 10 ta' l-iskeda "A" tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Kif intwera, l-attur appella minn din is-sentenza, pero`, ghalkemm talab ir-revoka tas-sentenza, fil-verita` l-aggravji tieghu ma humiex diretti kontra s-sentenza kollha, izda kontra partijiet minnha. L-attur, fil-fatt, kellu jitlob ir-riforma tas-sentenza, pero`, l-appell tieghu tant hu ingarbuljat u konfuz li din il-Qorti, fl-udjenza tat-2 ta' Ottubru 2007, kellha titlob lill-attur jiccara u jivverbalizza l-ilmenti tieghu. Hawnhekk, il-Qorti ma tistax ma ccanfarx lill-avukat ta' l-attur ghal mod xejn professjonali u ferm dilettantesk li bih ipprepara l-appell f'isem il-klijent tieghu. Fil-fatt, ir-rikors ta' l-appell ma fih ebda sekwenza logika, u lanqas ma jittratta l-aggravji b'sens ta' ordni, izda jittratta diversi punti 'l hawn u 'l hinn, b'mod li kien difficli ghall-Qorti (u presumibbilment anke ghall-kontro-parti) tifhem x'kienu ezattament il-lanjanzi.

Fl-udjenza tat-2 ta' Ottubru 2007, l-attur spjega li l-lanjanzi tieghu kienu principalment erba':

(i) li ladarba l-konvenuta ma ressqitx kontro-talba, il-Qorti ma setghetx tapplika kontrih il-provvedimenti ta' l-Artikoli 48 tal-Kodici Civili, u lanqas ma tordnalu johrog mid-dar matrimonjali u jhallas manteniment lill-martu ghal uliedu;

(ii) li l-manteniment, f'kull kaz, hu esagerat;

(iii) li l-ewwel Qorti skartat l-allegazzjoni tieghu li hu kien ikkontribwixxa versu l-*loan* li l-konvenuta hadet biex xtrat il-fond li wara serva bhala d-dar matrimonjali.

(iv) li hu ma kellux jehel il-multa ta' Lm500.

Trattat l-ewwel ilment, il-Qorti tinnota li fit-termini ta' l-Artikolu 45 tal-Kodici Civili, meta lill-Qorti jirrizultalha fatti li minhabba fihom il-konvenuta setghet ukoll, kieku riedet, titlob il-firda, hu mholli f'idejn il-Qorti li tiddeciedi skond ic-cirkostanzi, tapplikax il-provvedimenti ta' l-Artikolu 48 ghar-ragel u ghall-mara. Fil-fatt, dak li gara f'dan il-kaz wara li l-Qorti sabet li l-konvenuta bl-ebda mod ma kkontribwiet ghall-firda, imma kien l-istess attur li rrenda ruhu hati ta' eccessi, inkluza vjolenza domestika, mohqrija u theddid, uzat id-diskrezzjoni moghti lilha mil-ligi u

applikat fil-konfront ta' l-attur id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 48 fl-intier taghhom. L-applikazzjoni ta' dan l-artikolu dahhal fis-sehh l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 638(a) ta' l-istess Kodici, li jitkellem fuq il-jeddijiet tal-mara jew ragel ghal wirt ta' xulxin.

Ghar-rigward tal-manteniment tat-tfal, il-Qorti mhux biss tista', skond l-Artikolu 149 tal-Kodici Civili, "taghti dawk l-ordnijiet dwar il-persuna jew il-proprjeta` ta' persuna li tkun taht l-eta` kif jidhrilha xieraq fl-ahjar interessi tat-tifel", izda l-Artikolu 56 jiddisponi li meta Qorti taghti sentenza tal-firda, hi tista' f'kull zmien tipprovdi fl-interess tat-tfal, anke jekk ma saritx talba ghall-kustodja taghhom.

Rigward id-dar matrimonjali, kif gie deciz recentement minn din il-Qorti fil-kawza **Mamo v. Mamo** f'sentenza moghtija fit-28 ta' Settembru 2007, biex Qorti tapplika l-Artikolu 55A tal-Kodici Civili u tiddeciedi min mill-partijiet ghandu joqghod fid-dar taz-zwieg, ma hi mehtiega ebda talba specifika, izda l-Qorti tista' tipprovdi hi skond ic-cirkostanzi tal-kaz.

Mill-premess, ma jidhirx, kwindi li l-ewwel Qorti agixxiet b'xi mod kontra dak li tipprovdi l-ligi jew li tat xi ordnijiet *extra petita* u mill-provi prodotti hu car li l-ewwel Qorti kienet korretta fil-mod li bih applikat id-disposizzjonijiet tal-ligi aktar qabel imfissra.  L-ewwel aggravju ta' l-appellant hu, ghalhekk, michud.

Dwar l-aggravju relatat mal-*quantum* tal-manteniment li l-attur gie ordnat ihallas ghal uliedu, jirrizulta mill-atti li l-attur jahdem b'mod regolari u ghandu bizzejjed introjtu (Lm300 fix-xahar piu` l-*overtime*) biex ihallas Lm90 fix-xahar bhala kontribuzzjoni ghall-ghixien u l-edukazzjoni ta' uliedu.  Hu stqarr li m'ghandux ihallas aktar minn Lm60 fix-xahar, kif kien gie ordnat li jaghmel mill-allura Sekond Awla tal-Qorti Civili, pero`, din il-Qorti, bhal ta' qabilha, tara li Lm90 fix-xahar ghal zewgt itfal huwa l-minimu li hu mistenni li jhallas.  Jekk jiflah jaghmel kappricci biex, per ezempju, jonfoq Lm300 ghal *video camera* u jixtri *truck gdid* meta ma kellux bzonn jaghmel dan, zgur m'ghandux jahrab milli jikkontribwixxi ghal uliedu f'ammont hekk zghir.

Dan l-aggravju, ghalhekk, qed jigi rigettat.

Dwar l-aggravju fil-kuntest tar-rifuzjoni tas-self li hadet il-konvenuta biex setghet tixtri d-dar taghha, l-attur jghid li wara z-zwieg, l-*instalment* ta' Lm120 fix-xahar dovuti lill-bank, kienu jithallsu minnu u minn martu b'sehem indaqs. Din l-allegazzjoni giet, pero`, michuda mill-istess konvenuta li tghid li zewgha kien izomm ghalih kull ma jaqla', u kienet hi li kienet tipprovdi ghall-familja. Zewgha beda jaghtiha Lm60 fix-xahar, mhux bhala kontribuzzjoni ghas-self, izda ghal manteniment taghha u ta' uliedha u dan wara ordni li tat l-allura Sekond Awla tal-Qorti Civili lill-attur. Fid-dawl ta' dawn ic-cirkostanzi, kien mistenni li l-attur jissostanzja l-allegazzjoni tieghu li hallas parti tar-*repayment* tas-self, pero`, kif osservat l-ewwel Qorti, l-attur ma gab ebda prova dwar l-istess.

Dan l-aggravju wkoll qed jigi michud.

Ghar-rigward tal-penali imposta fuq l-attur, din il-Qorti, wara li ezaminat l-*iter* tal-kawza, tara li ghandha taqbel ma' l-imposizzjoni taghha. Il-Qorti ezaminat il-verbali tas-seduti mizmuma mill-perit legali nominat mill-Qorti biex jigbor il-provi, u rat li dan zamm seba' seduti li fihom l-attur deher biss darbtejn, u ma ressaq ebda prova hlief *affidavit* tieghu ta' tlett paragrafi qosra. Wara li l-ewwel Qorti ddikjarat il-provi tal-partijiet maghluqa, l-attur pprezenta affidavit iehor. Il-mod disordinat kif l-attur ressaq il-ftit provi(!) tieghu - li kienu jikkonsistu biss f'zewg stqarrijiet qosra tieghu stess li messu pprezenta fl-ewwel udjenza quddiem il-Qorti u b'hekk kien jigi ffrankat hafna hin u l-htiega ta' nomina ta' perit legali - jimmilita kontra r-revoka tal-multa imposta fuqu.

Ghaldaqstant, tiddisponi mill-appell interpost mill-attur appellant billi tichad l-istess u tikkonferma s-sentenza appellata; bl-ispejjez kontra l-appellant.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------